MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2010

Numru. 1100/2010

**IL- PULIZIJA**
**SUPRETENDENT CARMELO MAGRI**
**KONTRA**

**ABDULAZIZ ELMEHDI ELGRARI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Abdulaziz Elmehdi Elgrari ta’ 28 sena, bin Elmehdi u Nuwara nee Shulak mwieled Tripoli fis- 26 ta’ Ottubru 1982, residenti indirizz mhux maghruf u detentur tal-Passaport Libjan bin- numru 051899;

Li gie imressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) Fit- 22 ta' Ottubru 2010 ghall- habta tas- 2.00pm fi Triq il- Parrocca Santa Venera, kkommetta serq ta' flus kontanti, kif ukoll diversi oggetti fosthom apparat cellulari tal- marka Nokia 1661 mill- vettura tal- ghamla KIA Avella bin- numru tar- registrazzjoni LCM 123 ghad- dannu ta' Bernadette Mizzi, liema serq huwa kkwalifikat bil- mezz, bil- valur li ma jeccedix €2,329.37 u bix- xorta tal- haga misruqa;

2) Fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamel hsara fuq il- vettura tal- ghamla KIA Avella bin- numru tar-registrazzjoni LCM 123 ghad- dannu ta' Bernardette Mizzi liema hsara tammonta ghal izjed minn €116.47 izda ma tiskorrix l- €1,164.69;

3) Fit- 22 ta' Ottubru 2010 ghall- habta tal- 5.15pm fi Triq il- Kbira San Guzepp Hamrun, ikkommetta serq ta' apparat cellulari tal- makra PDA K878 mill- vettura tal-ghamla Vauxhall Nova bin- numru tar- registrazzjoni DFD 013 ghad- dannu ta' Leslie Plumpton, liema serq huwa kkwalifikat bil- valur li ma jeccedix €2,329.37) u bix- xorta tal- haga misruqa;

4) Talli f' din id- data u cirkostanzi kif ukoll fl- 10 ta' Lulju 2010 u fix- xhur ta' wara din id- data, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq jew akkwistati b' reat, sew jekk sar f' Malta jew barra minn Malta jew xjentement b' kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

5) Ukoll talli b' diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differnti u li jiskru l- istess disposizzjonijiet tal- Ligi u li gew maghmula b' risoluzzjoni wahda billi kiser il- kundizzjonijiet imposti fuqu b' digriet datat l- 1 ta' Marzu 2005 mahrug mill- Qorti tal- Magistrati (Malta) Magistrat

Dr. Dennis Montebello LL.D li permezz tieghu huwa nghata l- helsien mill- arrest bil- kundizzjoni li jidher ghal kull att tal- process fid- data, lok u hin li jigi lilu ordnati minn din il- Qorti jew minn Qorti ohra u li jekk jibdel l-indirizz tad- dar tieghu, li jinforma lill- Pulizija b' dan it-tibdil fi zmien 12- il siegha minn tali tibdil;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri f'dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew;

**Ikkunsidrat:**

Illi bl-ammissjoni tal-imputat din il-Qorti qed tiddikjarah hati u sejra ghalhekk tghaddi minnufih ghas-sentenza. Mil-provi li l-Qorti lahqet semghet f' dan il-kaz, m'hemmx dubju li kien l-imputat li seraq l-oggetti ndikati, specjalment bl-identifikazzjoni posittiva tax-xhieda okulari. Inoltre, l-imputat inqabad in flagrante b'oggetti misruqa fil-pussess tieghu, u ghalhekk ma hemmx triq ohra ghall-Qorti hlief li taghti l-piena idoneja ghal dan il-kaz. Il-Qorti giet infurmata li l-imputat jixtieq jibda program ta' fejqan mid-dipendenza fuq id-droga, u dan jista' jaghmlu minn gewwa l-Facilita' Korrettiva waqt li jkun qed jiskonta sentenza. Kwantu ghall-ksur ta' digriet ta' helsien mill-arrest, il-Qorti ser ikollha tirrevoka dak id-digriet u, filwaqt li tinkorpora l-piena ghal dak ir-reat f'din is-sentenza, ser ikollha wkoll tordna l-konfiska favur il-gvern tal-ammont imhallas minnu bhala depositu, u l-ammont moghti minnu bhala garanzija personali.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 261, 263, 267, 271, 279, 325, 334, 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah terminu ta’ sentejn prigunerija.
Tirrevoka d-digrieti datati 1 ta’ Marzu 2005 u 3 ta’ Lulju 2007, fejn l-imputat kien inghata l-beneficcju tal-helsien mill-arrest, u tordna ghalhekk l-arrest mil-gdid tieghu.
Tordna l-konfiska tal-flus imhallsa bhala depositu fl-ammont ta’ mija w sittax-il Ewro w hamsin centezmu (€116.50) kif ukoll tordna lill-imputat ihallas is-somma ta’ hames mija, tnejn u tmenin ewro u hamsin centezmu (€582.50) moghtija bhala garanzija personali, liema ammonti ghandhom ighaddu favor il-gvern skond il-ligi.

Tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi nserita fl-atti tal-kumpilazzjoni

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------